# KUNSILL LOKALI FGURA

68, 'DAR IL-KUNSILL' TRIQ IL-KARMNU, FGURA FGR2104 TEL: 21 664000 FAX: 21 664222 email: fgura.lc@gov.mt

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

## Laqgħa Nru. 64/2017

Data: It-Tnejn 4 ta' Settembru, 2017

Ħin: 18:30 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli –Sindku<br>Sur Ray Deguara – Viċi – Sindku<br>Sur Saviour Camilleri -Kunsillier<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier<br><br>Sra Beverly Saliba - Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Sur Ryan Ellul |
| Skuzati: | Sur Rene' Zammit<br>Sur Jesmond Zammit<br>Sur Mario Fava |

## AĠENDA

### 64.1 MOZZJONIJIET ANNESSI

**64.1.1** Is-Sur S Camilleri ressaq Mozzjoni ref: 4615/17/7 "Dan il-Kunsill japprova li jieħu sehem fl- attivita organizzata mill-Każin tal-Banda fis-17 ta' Settembru 2017 u għal din l-attivita' l-Kunsill ser jieħu ħsieb it-traffic management u t-tindif bi spiża ta' mhux aktar minn E 800.00". Din kienet sekondata mis-Sur C. Bonello. Ittieħed vot. Attivita' mal-kazin tal-banda

Favur: Sindku, R Deguara, S. Camilleri,C Bonello u M Lombardo.

Astenzjoni: Ħadd

Kontra: Ħadd

Il-mozzjoni ref: 4615/17/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, bl-ebda astenzjoni jew vot kontra.

**64.1.2** Is-Sur S Camilleri ressaq Riżoluzzjoni Speċjali ref: 4616/17/7 "Riżoluzzjoni speċjali: B'referenza għall-mozzjoni numru 4576/17/7, dan il-Kunsill japprova li l-Car Free Day bħala parti mill-European Mobility Week issir fil-21 ta' Settembru 2017 bejn it-8.00am u 12.00pm minflok kif kien deċiż fil-mozzjoni msemmija hawn fuq. Għal din l-attivita', l-Kunsill japprova s-somma ta' mhux aktar minn €500.00 għal spejjes relatati tal-Immaniġġjar tat-Traffiku". Din kienet sekondata mis-Sur C. Bonello. Ittieħed vot. Car Free day

Favur: Sindku, R Deguara, S. Camilleri,C Bonello u M Lombardo

Astenzjoni: Ħadd

Kontra: Ħadd

Il-mozzjoni ref: 4616/17/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, bl-ebda astenzjoni jew vot kontra.

**64.1.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni 4617/17/7, "Sabiex il-Kunsill japprova s-sistema tal-one way annessa". Din kienet sekondata mis-Sur C.Bonello. Wara diskussjoni, s-Sur C.Bonello ssekondat mis-Sindku ressaq din l-addenda mal-mozzjoni oriġinali "Il-Kunsill jitlob ukoll li titwessa l-aħħar parti ta' Triq Romano Carapecchia kif ukoll jitneħħew il-bollards tal-istess triq". Ittieħed vot. One Way

Favur: Sindku, R Deguara, S. Camilleri,C Bonello u M Lombardo.

Astenzjoni: Ħadd

Kontra: Ħadd

Il-mozzjoni oriġinali inkluż l-addenda ref: 4617/17/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, bl-ebda astenzjoni jew vot kontra.

Il-laqgħa ntemmet fis-18: 50hrs

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| *Is-Sur Pierre Dalli*<br>*Sindku* | *Sinjura Beverly Saliba*<br>*Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 4 ta' Settembru, 2017